DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**Embargo 2** **24. 12. 2011**

**EMBARGO:** ***not to be published before 1930 hrs of TODAY. Saturday, 24th December, 2011***

---

## MESSAĠĠ TAL-MILIED U S-SENA L-ĠDIDA MILL-PRIM MINISTRU, L-ONOR. LAWRENCE GONZI

F'daż-żmien sabiħ tas-sena, għażiż għalina l-Maltin u l-Għawdxin u għall-familji tagħna, nagħmlu tajjeb li nirriflettu fuq dak li għaddejna minnu matul dawn l-aħħar tnax-il xahar waqt li nġeddu l-impenn tagħna biex inkomplu nirbħu l-isfidi li għandna quddiemna bl-istess għaqal u ħeġġa li wrejna s'issa.

Il-kriżi ekonomika li laqtet lid-dinja wrietna kemm hu importanti li nieħdu deċiżjonijiet tajbin u fil-ħin li jkomplu jħarsu x-xogħol tal-ħaddiema tagħna fis-setturi kollha. Jeħtieġ li f'kull żmien ma naqtgħux qalbna u nilqgħu minn qabel biex ma nsibux lilna nfsuna fl-istess ilma li sabu ruħhom fih pajjiżi ħafna akbar minna.

F'salib it-toroq ikun hemm min jinfixel f'liema direzzjoni se jmur. U għalhekk il-ħtieġa li nibqgħu determinati u sodi fid-direzzjoni li mexjin fiha hi aktar importanti minn qatt qabel.

Stinkajna u saħħaħna l-isforzi tagħna biex inġibu lejn pajjiżna l-investiment li għandna bżonn, biex ilkoll kemm aħna nkomplu noħolqu l-impjiegi għaż-żgħazagħ tagħna, u l-ħaddiema tagħna. Għamilna l-almu tagħna kollu biex nibqgħu nattiraw it-turisti lejn xtutna, minkejja l-problemi finanzjarji li għandhom f'pajjiżhom u minkejja l-kompetizzjoni li dejjem tikber f'dan is-settur.

Pajjiżi oħra li kienu f'salib it-toroq, għotru taħt djun u żbilanċi qawwija. Pajjiżna bid-direzzjoni u l-għaqal tagħna lkoll, inkluż tas-sidien ta' negozji żgħar u medji, investituri, min jaħdem għal rasu, il-ħaddiema, il-familji, flimkien bqajna mexjin 'il quddiem fi triq li ma kinitx għal wita għaliex il-maltemp ekonomiku u finanzjarju internazzjonali jolqot lilna wkoll.

Filwaqt li qed ninvestu biex inkomplu noħolqu aktar xogħol, tafu li qed ninvestu fl-edukazzjoni biex it-tfal u ż-żgħażagħ - uliedna - jakkwistaw dawk il-ħiliet li se jkollhom bżonn biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol li qed narawha tinbidel b'mod mgħaġġel taħt għajnejna. Mil-lum qed inwittu t-triq għal min f'għaxar snin, ħames snin oħra, is-sena d-dieħla forsi, se jidħol fid-dinja tax-xogħol.

L-2011 kienet sena li ratna nħabbtu wiċċna ma' sitwazzjoni li ma konniex nistennewha. Tefgħa ta' ġebla 'l bogħod minnha rajna l-ewwel lill-poplu tat-Tuneżija, imbagħad dak tal-Eġittu u fi ftit jiem



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

wara l-poplu Libjan, iqumu għad-drittijiet tiegħhom. Rajna t-tbatijiet ta' dawn il-popli biex jiksbu l-liberta'.

F'dawk ix-xhur ta' gwerra fil-Libja aħna konna fuq in-naħa t-tajba. Bil-għaqal, fl-istess ħin bil-kuraġġ, urejna bħala poplu, minn mindu bdew dawk l-avvenimenti storiċi, aħna konna spalla ma' spalla mal-poplu Libjan u wrejna miegħu dik is-solidarjetà li kellu bżonn fis-siegħa tal-prova.

Ittraduċejna l-valuri tagħna. Tajna sura u ħajja lil dak li nemmnu fih. Ma bqajniex siekta, u l-azzjoni tagħna ħadet post id-diskors.

Tajna l-protezzjoni kollha meħtieġa lil żewġ piloti li ma ridux jattakkaw lil nieshom stess bil-bombi mill-ajru. Ilqajna fostna aktar minn 20,000 persuna minn 113-il pajjiż differenti, fosthom tfal biex jitilqu mil-Libja, jgħaddu minn Malta u jaħarbu minn dak l-inkwiet, u għenihom biex jingħaqdu mal-familji tagħhom. Ilqajna fostna nies feruti u għenihom f'pajjiżna, fl-isptarijiet tagħna, u tajnihom il-kura li kellhom bżonn. Urejna l-ġenerożità tagħna billi bgħatna l-ilma u l-mediċini lejn il-Libja meta kellhom bżonn.

Ix-xahar li għadda lqajt bi pjaċir l-istedina tal-Prim Ministru Libjan li wassal l-apprezzament tiegħu għal dak li għamel il-Gvern u l-poplu Malti kollu. F'din iż-żjara ħassejt aktar mill-viċin l-uġiegħ li għadda minnu l-poplu Libjan u rajt aktar minn qabel kemm ħadna d-deċiżjonijiet it-tajbin u kemm ħadnihom fil-ħin. Ma ddubitajniex minn dak li konna qed nagħmlu.

Dawk li kienu qed isegwu mill-qrib, dawk li kienu qed jaraw b'għajnejhom dak li kien qed jiġri f'dawn l-aħħar xhur kellhom kliem ta' tifħir, ammirazzjoni u anke gratitudni għal dak li għamlet Malta, għal dak li għamilna flimkien bħala poplu, għal dak li għamilna kemm biex inbiegħdu lin-nies mill-perikli tal-gwerra, kif ukoll għall-għajnuna umanitarja li offrejna lil dawk li ntlaqtu ħażin. Sarrafna s-solidarjeta'.

Il-pajjiżi msieħba fl-Unjoni Ewropea flimkien, għażilna l-2012 bħala s-sena dedikata għas-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet u biex naħdmu biex l-anzjani jibqgħu attivi fis-soċjeta'. Aħna rridu li l-anzjani, u dawk li jagħżlu li jirtiraw, jibqgħu attivi fis-soċjetà u jużaw l-esperjenza biex jgħallmu lil dawk li għadhom tilgħin, il-ġenerazzjonijiet il-ġodda Din għalina hi opportunita' oħra biex insaħħu r-rabtiet li jeżistu bejn il-membri kollha tas-socjetà u nkomplu niżviluppaw il-politika soċjali tagħna f'din id-direzzjoni.

L-2012 tqarribna aktar lejn żewġ avvenimenti oħra importanti għall-poplu tagħna u għal pajjiżna.

Bid-deċizjoni li ħadna li Malta tissieħeb fl-Unjoni Ewropea, pajjiżna se jkollu f'idejh il-Presidenza tal-Unjoni Ewropea fl-2017. Minn issa rridu nippreparaw għal dan ir-rwol importanti li se jkollha Malta. Hu prestiġju għal pajjiżna li se jkollu l-Presidenza tal-Unjoni Ewropea, iżda aktar mill-prestiġju hemm ukoll ir-responsabilita', il-piż, l-għaqal li rridu nimxu bih, u d-direzzjoni li rrid nagħtu. Irridu ngħollu isem Malta b'dak kollu li nagħmlu u bid-deċiżjonijiet li nieħdu. Mil-laqgħat li jkolli kemm ma' Prim Ministri oħra fl-Ewropa kif ukoll fil-Kunsill Ewropew nara b'għajnejja x'responsabilita' kbira se jkollu pajjiżna, biex f'dak iż-żmien joħroġ bl-unuri bħalma qed nagħmlu anke s'issa.

Fis-sena ta' wara, jiġifieri fl-2018, Malta se tkun Belt Ewropea tal-Kultura. Bħalma l-Ewropa se tkun qed tħares lejna meta jkollna l-Presidenza tal-Unjoni Ewropea, hekk ukoll irridu li noħorġu l-aħjar tagħna fl-aspetti kulturali. Il-kultura hi essenzjali għall-edukazzjoni, għall-iżvilupp soċjali,

għall-inklużjoni soċjali biex ħadd ma jibqa' lura, għall-ambjent, għar-riġenerazzjoni tal-ibliet u l-irħula tagħna. Aħna nikbru bis-saħħa tal-għeruq u l-identita' kulturali tagħna. Irridu li nesponu l-wirt li għandna f'pajjiżna. Irridu li ħaddieħor igawdi aktar il-ħila tal-artisti tagħna. Irridu li wliedna jkunu aktar kreattivi u jiżviluppaw lilhom infushom fit-talenti tagħhom.

Filwaqt li nħejju ruħna għal dawn l-avvenimenti importanti, irridu nkomplu nsostnu dak li għamilna u b'fiduċja fil-poplu tagħna nimxu fit-triq li qbadna, triq li ħelsitna mill-perikli u l-għawġ li għaddew minnhom, u għaddejjin minnhom s'issa popli oħra.

Irridu nkomplu naħdmu b'għaqal biex inkomplu nsostnu l-firxa wiesgħa ta' servizzi soċjali li pajjiżna joffri, biex nibqgħu nagħtu l-aħjar kura medika fl-isptarijiet, biex inkomplu nibnu skejjel ġodda u ninvestu fl-edukazzjoni, biex nibqgħu għaddejjin bix-xogħlijiet fit-toroq u fl-infrastruttura u nkomplu nsaħħu dak li għandna u ntejbu l-ambjent li jissarraf fi kwalita' ta' ħajja aħjar għalina lkoll. Dan kollu għal ġid tat-tfal, taż-żgħażagħ, l-ommijiet, il-missirijiet, il-persuni b'diżabilita', l-anzjani, min jaħdem ma' ħaddieħor jew għal rasu, min jinvesti biex joħloq ix-xogħol u jħaddem lin-nies miegħu….. għall-ġid tal-familji kollha, għall-ġid ta' kull wieħed u waħda minna.

Jekk inħarsu lejn dak li akkwistajna sa issa, fiduċjuż li bl-għaqal li wrejna u s-serjeta' li mexjin biha nkomplu nirbħu l-maltemp ekonomiku u finanzjarju li laqat lilna u anke lill-pajjiżi oħra.

Minn qalbi nixtieq lilkom u lill-familji tagħkom Milied hieni u sena mimlija risq.